MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2011

Numru. 815/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian J Abdilla)**

**vs**

**Brian Zammit**

**Illum 27 ta’ Lulju 2011**

Il-Qorti

Rat l-akkuza kontra l-imsemmi Brian Zammit ta’ 34 sena, bin George u Mary nee’ Zammit, imwieled Pieta’ fil-5 ta’ Novembru 1974, u li joqghod f’ Numru 295, Vjal il-21 ta’ Settembru, Naxxar u detentur tal-karta ta’l-identita’ bin-numru 541174M.

**Akkuzat talli:**

a) f’ Marzu 2009, u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’qerq ta’ aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta;

b) u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, cirkustanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

c) u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, cirkustanzi, ghamel xi denunzja, dikjarazzjoni jew ta taghrif mehtieg ghal xi wiehed mill-ghanijiet ta’ l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li kien jaf li jkun mhux korrett jew qarrieqi f’xi rigward materjali.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota ta’l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’Gudikatura Kriminali kif mahsub f’l-artikoli:

1. 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. 77(b) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta; u
4. 17, 18, 23B, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat huwa registrat mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud[1] bin-numru ta' registrazzjoni 1653 4129. Huwa originarjament irregistra bi shab ma' certu Mark Deguara pero eventwalment saret talba lid-Dipartiment koncernat biex dik ir-registrazzjoni tibqa fuq l-imputat wahdu bhala sole trader.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li, tul is-snin kemm kien ilu registrat mad-Dipartiment tal-VAT, l-imputat kien jinkariga accountant biex johodlu hsieb il-formalijiet dwar VAT; fost affarijiet ohra l-imputat kien jghaddi id-dokumentazzjoni relattiva lill-accountant biex imbaghad dan jimla id-denunzji tal-VAT. Ghalkemm kien l-accountant li jimla d-denunzji, dawn kienu jigu iffirmati mill-imputat.

Illi jirrizulta ukoll li d-denunzji kollha prezentati mill-imputat kollha saru mill-accountant hlif ghal tnejn: dik ghal perjodu ta' taxxa mill-01.03.2008 sal-31.05.2008[2], u dik ghal perjodu ta' taxxa mill-01.06.2008 sal-31 ta' Awissu 2008[3]. Fil-verita l-accountant Carmelo D'Amato jghid li fil-waqt li huwa kien ghal kollox estranju ghal-ewwel denunzja hawn imsemmija (dik ghal perjodu ta' taxxa mill-01.03.2008 sal-31.05.2008) jghid ukoll li huwa prepara l-informazzjoni relattiva ghat-tieni denunzja hawn fuq imsemmija (dik ghal perjodu ta' taxxa mill-01.06.2008 sal-31 ta' Awissu 2008) pero baghat lill-imputat ghand id-dipatriment tal-VAT biex id-denunzja relattiva timtela hemmhekk.

---

[1] Minn hawn aktar 'l isfel imsejha "id-Dipartiment" jew "VAT" skond il-kaz.
[2] Esebieta bhala parti minn Dok IJA3 u tinsab a fol 29.
[3] Esebieta bhala parti minn Dok IJA3 u tinsab a fol 30.

Illi mid-depozzizzjoni ta’ Joanne Hefney in rapprezentanza tad-Dipartiment tal-VAT jirrizultaw diversi fatti. Ghall-perjodu minn Ottubru 2002 sal-31 ta’ Mejju 2007 gew ssottomessi 19 il-denunzja u jekk tiehu l-overall ta’ dan il-perjodu irrizulta kreditu favur l-imputat ta’ €522. F’hames perjodi ta’ taxxa sussegwenti[4] jirrizulta rispettivament kreditu ta’ €930.58 (denunzja a fol 26 u 38), €2,053.22 (denunzja a fol 27 u 39), €3553.29 (denunzja a fol 28 u 40), €25,714.19 (denunzja a fol 29 u 41) u €167.06 (denunzja a fol 30 u 42). Mid-denunzji rispettivi dik li turi kreditu ta’ €25,714.19 hija dik li l-accountant Carmelo D’Amato ma jaf xejn dwarha fil-waqt li dik li turi kreditu ta’ €167.06 hija dik li dwarha huwa prepara d-dokumenti pero ma gietx redatta minnu; l-ohrajn huwa jaghraf bhala denunzji redatti minnu.

Illi mill-krediti riklamati mill-imputat (inkluz dak ta’ €25,714.19) xi ammonti thallsu lill-imputat permezz ta’ cheque fil-waqt li l-bilanc intuza biex ipacu ammonti dovuta mill-imputat lid-Dipartiment. Uhud minn dawn id-debiti ta’l-imputat kienu pendenti minn qabel ma giet sottomessa d-denunzja li kienet turi kreditu ta’ €25,714.19 u uhud mid-debieti kienu naxxenti minn denunzji li gew prezentati wara.

Illi l-imputat f’l-istqarrija tieghu jghid li l-kreditu ta’ €25,714.19 li jirrizulta riklamat fid-denunzja ghall-perjodu mill-01.03.2008 sal-31.05.2008 huwa kreditu reali u li huwa dovut peress li f’dak il-perjodu huwa kellu kuntratt (subcontracting) ta’ valur ta’ cirka €80,000. L-imputat kien intalab mid-Dipartiment biex jipproduci d-dokumenti relattivi b’l-ghan li jsiru l-verifiki dwar dan il-kreditu; pero minkejja li saru diversi talbiet ghal dan il-ghan huwa baqa ma ottemperax ruhu u ghalhekk id-Dipartiment ma setghax jivverifika c-cifri indikati fid-denunzja. Fil-fatt, kif jirrizulta mit-tieni depozizzjoni ta’ Joanne Heffny, dan in-nuqqas ta’l-imputat biex jipproduci d-dokumenti li jiggustifikaw il-kreditu in kwistjoni wassal biex id-Dipartiment irrifjuta dan il-kreditu u hareg stima ghall-

[4] Id-denunzji relattivi huma esebieti bhal Dok IJA3 u kopja taghom bhala Dok JH1. Id-denunzja ghall-perjodu mill-1 ta’ Dicembru 2007 sal-31 ta’ Dicembru 2007 ma gietx prezentata in atti.

ammont ta' €110,450. Fid-data ta' din id-depozizzjoni din l-istima kienet ghadha provvizorji fis-sens li setghet tigu appellata mill-imputat.

Illi ghandu jigi rilevat ukoll li meta xehed l-accountant, Carmel D'Amato, qal li l-imputat kien urih dokumentazzjoni li tiggustifika dan il-kreditu ta' €25,714.19 u li kien anke prepara d-dokumentazzjoni kollha realttiva go file biex l-imputat ikun jista jipprezentah lid-Dipartiment. F'dan ir-rigward hija tal-fehma li ghandha tirriproduci il-partijiet relevanti ta' din id-depizizzjoni:

*Pros: rajt dokument f'dan ir-rigward inti? Inti li taghmel l-accounts?*
*Xhud: Dik mhux jien imlejtha.*
*Pros: Imma mbaghad tohodlu hsieb*
*Xhud: Iva rajt dokument wara.*
*Qorti: Le mhux rajtx dawk il-VAT returns wara, dokumenti relatati ghas-subcontract li qallek.*
*Pros: Ghal dak il-valur, ghal dak l-ammont*
*Xhud: Iva.*

Mbaghad dwar fejn jinstab dan id-dokument li x-xhud semma bhala "*invoice, fiscal receipt"*

*Qorti: Dil-fiscal receipt ghadha fir-records li zzomm inti tal-kumpanija.*
*Xhud: Jien ma nzommx records.*
*Qorti: Ma zzommx records?*
*Zhud:Pero ir-records qeghdin il-VAT Department u dik wahda mid-dokumenti li hemm fil-files ghax organnizzajthomlu ghal-VAT Department...*

Ikkunsidrat

Illi a skans ta' ekwivoci l-Qorti thoss li f'dan l-istadju ghandha tissottolinea li hija trid tiggudika lill-imputat a bazi tal-provi prodotti fil-konfront tieghu u konsegwentement l-unici provi relevanti ghal kaz in ezami huma dawk akkwiziti f'dan il-process. Dak li jista' jirrizulta f'proceduri ohra, anke jekk konnessi mal-kaz odjern, jew dak li possibilment irrizulta lill-pulizija fil-kors ta'l-investigazzjoni

aktar wiesgha in konnessjoni ma' dan il-kaz, huma ghal kollox irrelevanti.

Ikunsidrat

Illi jibda biex jinghad li permezz tat-tielet immputazzjoni migjuba kontra tieghu ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali l-imputat qed jigi addebietat b'reat ravvizat f'l-artikolu 77(b) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta huwa l-Att dwar il-Probation; dan l-att ghandu sebgha u tlettin (37) artikolu. Huwa car li l-imputat ma jistax jinstab hati tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Illi l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra l-imputat huma dawk ta' truffa jew frodi innominata a dannu tal-Gvern ta' Malta u li ghamel dikjarazzjoni falza f'dokument mahsub ghal awtorita pubblika.

Illi l-prosekuzzjoni qed tikkontendi li d-denunzja ghal-perjodu ta' taxxa mill-1 ta' Gunju 2008 sal-31 ta' Awissu 2008 kienet tikkontjeni dikjarazzjoni falza in kwantu l-kreditu hemm indikat huwa immaginarju u li permezz ta' din id-dikjarazzjoni falza u l-kreditu immaginarju li holqot l-imputat kien ser jaghmel qliegh b'qerq f'l-ammont ta' €25,714.19 a dannu tal-Gvern ta' Malta.

Illi ghalhekk fatt fundamentali li ghandu jigi pruvat in sostenn taz-zewg imputazzjonijiet in ezami huwa li dak il-kreditu ma kienx dovut.

Illi l-Qorti tirrikonoxxi li huwa dibattibbli hafna l-agir ta' l-imputat fis-sens li ma tantx hemm logika fil-fatt li l-unika denunzja li ma nkarigax lill-accountant biex jaghmel kellha tkun dik li tant tispikka meta komparata mal-ohrajn kollha in vista tal-kreditu sostanzjali li kien jirrizulta fiha. Min-naha l-ohra l-Qorti ma tistax tiskarta d-depozizzjoni ta'l-accountant li kien car hafna f'dak li qal u cioe li huwa ra invoice ghall-ammonti indikati f'din id-denunzja u anke

preparaha flimkien ma’ dokumenti ohra biex l-imputat jghaddihom lid-Dipartiment.

Illi fid-dawl ta’ din id-depozizzjoni ma jistghax jinghad li l-prosekuzzjoni pruvat ‘l hemm minn kull dubbju ragonevoli li dak il-kreditu kien immaginarju.

Illi konsegwentement jonqos dak il-fattur fundamentali li fuqu huma impernjati l-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat b’mod li ma jistax jinghad li l-elementi essenzjali biex jissussistu r-reati in ezami gew pruvati fil-grad rikjest mill-Ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------